# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001**

**Numru 141**

**Citaz. numru: 536/97M1 NA**

**Andrew Ciantar**

**vs**

**Joseph Coleiro**

**Il-Qorti,**

Illi b'citazzjoni prezentata fl-10 ta' Marzu, 1997, l-attur premetta:-

Illi fl-4 ta' Dicembru, 1996, waqt li l-istanti kien isuq car Fiat Uno Numru EAA 078 f'Pawla, din sfat involuta f'habta mal-van Numru L 4674 misjuqa mill-konvenut u garrbet hsarat.

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan injora s-sejha tal-istanti ghall-hlas tad-danni.

Illi b'rizultat tal-incident, l-istanti inkorra danni ammontanti ghal elf, tlett mija u disgha u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1349.65).

TALAB lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni mgarrba mill-attur.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf, tlett mija u disgha u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1349.65) jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont minnha likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes komprizi hdax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' konsulti u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 1996 (li hija tnax il-lira Maltin (Lm12.00) ), dawk tal-ittra ufficjali tal-llum lill-assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-attur espona s-segwenti fatti:-

1. Illi fl-4 ta' Dicembru, 1996, f'xi s-12:45 a.m., hu kien qed isuq car Fiat Uno Numru EAA 078 go Pjazza Paola, Paola, fid-direzzjoni ta' Santa Lucia. Qabez il-Knisja Parrokkjali u t-'traffic lights' (bi speed normali) mentri kellu 'dipped lights' u kien isuq mal-genb tax-xellug. Ra mill-faccata dwal ta' vettura ghal nofs it-triq u baqghu lejh u l-esponent, kif ra d-dwal jissoktaw lejh, istintivament kiser naqra 'l barra izda dik l-'oncoming vehicle' baqghet gejja, kissret fuq il-lemin taghha, tat daqqa lill Fiat fuq il-'front left corner' u nklinatha minn wara 'l barra. L-istess 'oncoming vehicle' (li wara rrizulta li kienet il-van Numru L 4674 Transit bil-kaxxa), telghet in parti l-bankina, regghet marret ghan-naha l-ohra tat-triq u spiccat waqfet max-xellug tat-triq fejn it-'traffic lights'.

2. Il-car Fiat tal-esponent waqfet 'on impact' cioe' mad-daqqa ghax ir-rota tax-xellug ta' quddiem tqacctet.

3. Dan l-incident ikkaguna elf, tlett mija u disgha u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1349.65) danni lill-esponent u billi l-konvenut injora s-sejha tal-esponent ghall-hlas kellha ssir din il-kawza.

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut eccepixxa li:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligfenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda grat tort unikament tal-attur li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi b'digriet tal-10 ta' Marzu, 1998, giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Mariella Gonzi sabiex tigbor il-provi.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2000 il-Qorti giet mitluba l-fakolta' mid-difensur tal-konvenut biex jaghmel nota ta' sottomissjonijiet, liema talba giet koncessa.  Din in-nota saret fit-28 ta' Settembru 2000 bin-nota responsiva ta' l-attur issir fit-28 ta' Novembru 2000.  Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2000 il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut isostni li l-attur ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex inaqqas il-velocita' tal-vettura tieghu kif huwa tenut li jaghmel skond il-ligi minhabba li kien gej min dawra u ghalhekk ma setghax jara l-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u peress li kien wasal ghal 'zebra crossing' u 'traffic lights'.  Huwa jissottometti wkoll li li kieku il-verzjoni tal-incident moghtija mill-attur fid-dikjarazzjoni tal-fatti kienet verosimili, u cioe' kieku wiehed kellu jemmen li l-attur ra l-vettura tal-konvenut 'ghal nofs it-triq', kull ma kellu jaghmel l-attur kien li jwaqqaf il-vettura tieghu u mhux jiddeciedi li jaqsam it-triq u jmur kompletament

'wrong side'. Dan l-agir jghid il-konvenut imur kontra kull buon sens logiku.

Il-konvenut jghid li li kieku huwa verament kien qieghed isuq f'nofs it-triq, u l-attur kien ghaddej fuq in-naha tieghu, l-allegata manuvra tal-attur li jikser naqra l-barra, kient manuvra li setghet inevitabilment biss wasslet ghall-kollizzjoni u mhux 'evasive action'. Il-konvenut jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li l-attur ma ndikax x'kienet il velocita' tieghu, jghid biss li kien qed isuq b'velocita' normali, liema affermazzjoni hija wahda soggettiva. Huwa jissottometti wkoll li la darba l-attur kien qed isuq kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq, huwa seta' biss jipprova jevitah billi jigbed lejn il-lemin tieghu, stante li ma kienx hemm spazju bejn il-vettura tal-attur u l-bankina minn fejn huwa seta' jghaddi.

L-attur fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni qal li l-konvenut kien qed isuq ghal nofs it-triq izda tul l-andament tal-kawza sostna li l-konvenut kien qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq. Din il-verzjoni tal-attur, jghid il-konvenut, hija smentita mill-posizzjoni u direzzjoni tal-vettura tal-attur kif indikata fl-iskizz tal-Pulizija, liema posizzjoni hija ferm indikattiva ghaliex kieku wiehed kellu jmexxi l-vettura tal-attur lura fid-direzzjoni

kif indikata fl-iskizz huwa ovvju li kien proprju l-attur li kien qed isuq 'wrong side' u mhux vice versa.

Il-hsara fil-vettura tal-attur hija fil-kantuniera ta' quddiem tax-xellug, filwaqt li dik tal-konvenut tinsab fil-bieba tax-xellug ta' quddiem. Skond il-konvenut dan ukoll jindika li kienet il-vettura tal-attur li kienet gejja kompletament 'wrong side'. Li kieku l-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-attur kellha titwemmen, il-hsarat fil-vetturi jkunu inversi ghal dawk li effettivament issusistew.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jafferma li l-verzjoni li z-zewg 'drivers' jaghtu lis-Surgent tal-Pulizija li jkun investiga l-kaz 'a tempo vergine' hija ferm importanti ghaliex il-verita' tohrog spontanja. L-attur ta l-istess verzjoni lis-Surgent bhala dik li ta' meta halef id-dikjarazzjoni u meta xehed fil-kawza. Ghal kuntrarju l-konvenut beda (i)billi ma qabilx mal-posizzjoni tal-vetturi fl-iskizz, (ii) qal li l-attur kien gej 'gas down', imbaghad qal li lill-attur ma rahx gej, (iii) wara li qal li lill-attur ma rahx gej, biddel il-verzjoni u qal li meta rah gej ipprova jevitah billi mar fuq in-naha l-ohra, (iv) mistoqsi jekk lis-Surgent qallux dak kollu li xehed, il-konvenut irrisponda fl-affermattiv izda meta gie mistoqsi qallux li l-vettura kienet

gejja 'gas down' qal li "jista' jkun, ma nafx". Skond l-attur dan kollu jindika bic-car li l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident hija aktar konsistenti u ghalhekk hija dik li ghandha tigi accetta mill-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti ta' kif sehh l-incident. Minn naha wahda hem il-verzjoni tal-attur li jghid li huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 078 fil-Pjazza ta' Rahal il-Gdid u kien sejjer fid-direzzjoni ta' Santa Lucia. Huwa qabez it-'traffic lights' u l-Knisja Parrokjali, kellu 'dipped lights', u kien ghaddej bi 'speed' normali u kien qed isuq mal-genb tax-xellug. Mid-direzzjoni opposta ra dwal ta' vettura gejjin ghal nofs it-triq u kif ra li dawn id-dwal baqghu gejjin lejh, huwa istintivament kiser naqra l-barra izda l-vettura l-ohra baqghet gejja, kissret fuq il-lemin taghha, tat daqqa lill-vettura tieghu fuq il-'front left corner' u nklinatha minn wara l-barra. Il-vettura tal-konvenut telghet in parti l-bankina, regghet marret ghan-naha l-ohra tat-triq u spiccat waqfet max-xellug tat-triq fejn it-'traffic lights'. L-attur jghid li l-vettura tieghu waqfet mal-impatt.

Illi min-naha l-ohra il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u kien ghaddej b'velocita' ta' cirka 15/20 mil fis-siegha. Huwa qal li l-attur li kien gej mid-dawra kien qed isuq bi 'speed' eccessiv u minhabba li fit-triq kien hemm hotba, l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu b'tali mod li l-istess attur spicca fuq in-naha hazina tat-triq. Il-konvenut qal ukoll li minn fejn saret il-habta huwa mexa ftit aktar minn tul ta' karozza u waqaf hdejn iz-'zebra crossing'. Meta ra lill-attur gej fuq in-naha hazina tat-triq, il-konvenut prova jevitah billi jigbed lejn in-naha tal-lemin tieghu, izda nonostante din il-manuvra, xorta sehh l-incident.

Illi l-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-attur fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu u cioe' dik illi l-verzjoni li s-sewwieq jaghtu lis-Surgent 'a tempo vergine' hija l-iktar wahda kredibbli ghaliex tinghata spontanjament minghar ma s-sewwieq jkollhom cans jahsbu, jintebhu b'certu affarijiet, jitkellmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-verzjoni taghhom kif jaqblilhom. Fil-kaz odjern, izda, m'ghandniex il-verzjoni li taw il-partijiet a tempo vergine ghaliex is-Surgent, P.S. 1382 Joseph Agius, li xehed quddiem l-Asistent Gudizzjarju fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 1998, spjega li dak li

hemm imnizzel fl-okkorrenza huwa resume tieghu. Fl-okkorrenza (a fol. 11) hemm imnizzel hekk:

"*Il-vettura L 4674 kienet gejja mid-direzzjoni f'Paola Square lejn Valletta Road waqt li l-vettura EAA 078 kienet gejja mid-direzzjoni opposta, minhabba miskalkolazzjoni ta' spazju saret il-kollizzjoni*".

Is-Surgent qal li ghalkemm huwa kellem lill-partijiet, huwa ma nizzilx fl-okkorrenza dak li huma kienu qalulu u kompla jispjega li dak li hemm imnizzel fl-okkorrenza hija konkluzjoni tieghu. Peress li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar kif sehh l-incident, is-Surgent ghazel li ma jnizzilx xi ntqal. Fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju izda, s-Surgent qal li l-attur kien qallu li l-konvenut kien gej 'wrong side' u li meta iffaccja lill-konvenut dan l-ewwel ma qal xejn izda imbaghad qal "Ma rajtux, ma rajtux". Is-Surgent qal ukoll li huwa mill-ewwel induna li xi hadd kien gej 'wrong side' u dan minhabba l-hsara riskontrata fiz-zewg vetturi.

Illi l-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-mod kif is-Surgent li nvestiga l-kaz odjern hejja l-okkorrenza. Wiehed isibha difficli jifhem il-logika wara d-decizjoni tas-Surgent li

ghazel li ma jnizzilx dak li qalulu l-partijiet ghaliex ma kienx hemm qbil bejniethom u ghalhekk nizzel dak li haseb hu li kien gara. Il-Qorti jidrilha li una volta li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-dinamika tal-incident, aktar u aktar kien importanti li jitnizzel x'qalu s-sewwieqa 'a tempo vergine'. Huwa pjuttost sorprendenti kif wara kwazi sentejn minn meta sehh l-incident, u wara li ma nizzel xejn dwar x'qalulu s-sewwieqa fl-okkorrenza, is-Surgent ftakar certu dettalji dwar dak li ntqal lilu. Ix-xhieda moghtija mis-Surgent fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 1998, ghalhekk ser tigi moghtija biss piz marginali.

Illi l-Qorti kienet aktar minn ftit perplessa bil-mod kif seta' sehh dan l-incident, partikolarment in vista ta' fejn kienu saru l-hsarat fil-vetturi rispettivi. Dawn id-diffikultajiet gew spjegati lill-Avukati rispettivi fis-seduta tas-27 ta' April 2001 u bil-ghan li forsi jigi aktar spjegat id-dinamika ta' l-incident il-Qorti regghet semghet lill-attur bil-gurament fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2001 u dan peress illi, kif jinghad aktar tard f'din is-sentenza, min jallega jrid jipprova u finalment huwa l-attur li jrid jipprova f'dak il-grad rikjest mil-ligi illi kien il-konvenut li kien responsabbli, in toto jew in parte, ghall-incident in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi jezistu diskrepanzi sia fil-verzjoni tal-incident moghtija mill-attur u sia f'dik moghtija mill-konvenut, u jkun ghalhekk opportun li sabiex tigi determinata l-kwistjoni ta' responsabilita' ghall-incident tinghata l-posizzjoni tal-vetturi kif indikati fl-iskizz u l-hsara riskontrata fil-vetturi. Il-Qorti hija tal-fehma li l-posizzjoni u d-direzzjoni tal-vettura tal-attur kif indikata fl-iskizz tindika li huwa ferm aktar probabli salv dak li fuq intqal li kien l-istess attur li kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq qabel ma sehh l-impatt u mhux vice versa. Inoltre, anki l-hsara riskontrata fiz-zewg vetturi u cioe' fuq il-kantuniera ta' quddiem tax-xellug in kwantu jirrigwarda l-vettura tal-attur u fuq il-bieba tax-xellug fil-vettura tal-konvenut, jindikaw li setghat kienet il-vettura tal-attur li kienet fuq in-naha hazina tat-triq. Il-fatt li l-vettura tal-attur sofriet danni estensivi waqt li l-vettura tal-konvenut kellha danni negligibbli, jindika li l-attur kien qed isuq b'certu velocita' kif allegat mill-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti, wara li verament jidhrilha illi mhijiex moralment konvinta b'dik ic-certezza rikjesta biex tasal ghal gudizzju taghha anke fil-kamp civili, l-attur ma rnexxilux

jipprova soddisfacentement li l-kollizjoni grat tort unikament mill-konvenut kif obbligat jaghmel mill-ligi – ("A. Zahra vs British American" - Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Mejju, 1998), - u ghalhekk it-talbiet attrici qeghdin jigu michuda.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti jidhrilha illi jkun ekwu u gust li l-ispejjes tal-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.